MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Numru. 359/2001

**Pulizija**
**Sp Louise Calleja**
**vs**
**Peter Borg ta' 45 sena iben John u Lukarda nee Cutajar**
**mwieled B'Kara fit-30 ta' Mejju 1956 u**
**residenti My Nest, Triq San Giljan B'Kara,**
**detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 391356(M).**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Peter Borg, akkuzat talli f'Santa Venera nhar il-31 ta' Mejju 2001, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar

Ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Censina Borg, liema offizi ser igibu sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-istess martu Censina Borg, skond ma gie ccertifikat minn

diversi tobba u dan kollu bi ksur ta’ Artikolu 218 (1)(b) u (2) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U iktar talli sar ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datat 9 ta’ Marzu 1998, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat li l-istess akkuzat rrisponda li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan fl-interrogatorju. Rat nota ta’ rinviju ta’ l-Avukat Generali datata 23 ta’ Awissu 2002 fejn fl-istess nota intbghatu l-artikoli taht liema tista tinstab htija jew htijiet u cioe l-Artikoli 214, 215, 218, 49 u 50 tal-Kap 9.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u t-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat

Li tista tghid li kien hemm zewg xhieda li xhedu f’dak li gara direttament f’dan il-kaz. L-ewwel persuna hija dik ta’ Censina Borg u cioe l-allegata vittma. Censina Borg fil-fatti tigi l-mara separata ta’ l-akkuzat. Xhedet fil-fatti li kienet marret l-iskola ta’ Dun Xand Cortis biex tigbor lil bintha minorenni, anke bint l-istess akkuzat, filwaqt li dahlet ghat-tifla, halliet fil-karozza rieqed tarbija, iben l-akkuzat. Tirrakonta dak li gara b’dan il-mod, kif kellha id it-tifla f’idejha tara lil Peter Borg fuqha qisu tigra (a fol 23). Izzid hekk ‘....kien forsi zewg piedi boghod minni, b’halqu miftuh, idejh miftuhin quddiem it-teacher, din bintna quddiem it-tfal l-ohrajn, idejh miftuhin hemm u halqu hekk u gidimni hawn hekk u smajt l-ghadma ta’ mniehri tfaqqa go halqu, imbghad gidma ohra . . . . . demm hiereg, gidma f’widnejja hawn, gidma f’widnejja hawn u b’dan is-sebgha ta’ idejh il-leminija beda jipprova jaqlghali il-bocca ta’ ghajni u prova darbtejn. . .’ (a fol 23 tal-process).

Xhud okulari iehor kienet Daniela Borg li inzertat facilitator gol-Kinder Garten minn fejn Censina Borg marret tigbor lil

bintha dik il-gurnata ta' l-allegat incident. Xhedet fil-fatt hekk 'Censina. Dahlet ghat-tifla u kienet qed thares spallitha lejn il-bieb. Dahal ir-ragel, qabadha minn spallitha, smajt lilha twerzaq u hsibtu x'kien gej.' ( fol 51 tal-process).

Ziedet li hi semghet dak il-hin lil Censina twerzaq.

Imbghad a fol 53 tal-process tkompli tghid hekk 'Sibt lis-sinjura nofsha fuq it-tapit u nofsha ma l-art. Kien hemm il-mejda maqluba, hi kellha d-demm taht rasha, pruvajt nghinha, il-parents gew, tlabthom fliskatur, tlabthom is-silg, gibt l-ilma' Hawn hekk qed tiddeskrivi l-istat li hi sabet lil Censina Borg darba li rritornat lura lejn il-class room ghax kif diga ghidna harget tfittex l-ajjut.

Rosaria Maria Borg li tigi l-Kap ta' l-iskola primarja ta' St. Venera fejn gara dan l-incident, qalet li Censina Borg kienet avzata precedentment ghal dan l-incident li kienet hi li kellha tibda tigbor lit-tifla minuri li kienet tattendi din l-iskola u ma kellha tafdahha ma hadd. Irrakuntat li dak inhar 31 ta' Mejju, ghal hekk il-gurnata ta' l-incident kien cempel il-bieb u meta fethet, kienet hi li fethet, dahlu zewg guvintur li dak il-hin ma kinitx taf min kienu u staqsewha jekk Maria Borg il-minuri kinitx dak inhar attendiet l-iskola. Ziedet din il-kap ta' l-iskola li peress li kienet giet avzata mill-omm u ghal hekk anticipat li seta kien hemm xi problemi, hi rrispondiet li ma setghetx taghti informazzjoni fuq l-istudenti taghha u dawn telqu lil hemm. Irrakontat ukoll li xi saghtejn wara dan l-incident x'hin waslu biex johorgu t-tfal hi mill-ufficcju taghha semghet hafna ghajjat u rat li fl-ufficcju taghha dahlet il-Kinder Garten assistant cioe Daniela Borg. Hemm hekk Daniela Borg bdiet tghajjat ghall-ajjut. F'hin qasir, huma segwew lil Daniela Borg fil-klassi u fil-klassi x'hin dahlet rat lil Censina Borg ma l-art. Irrakuntat li Censina Borg kienet mixhuta ma l-art, kien hemm il-klassi xi ftit imqallba. Hi naturalment marret tigri biex iccempel l-ambulanza.

Saljenti wkoll dak li qalet din ix-xhud li x'hin waslet fil-klassi hi sabet lis-Sur Borg cioe l-akkuzat hiereg barra mill-klassi ma zewg uliedu. Qalet fil-fatt a fol 75 tal-

process li s-Sur Borg, fil-hin li waslet hi fil-klassi, hareg ma dawk iz-zewgt itfal li kienu marru jkellmuha qabel jistaqsuha ghat-tifla. Ziedet li hi kienet ghadha dak il-hin ma tafx min kienu u li kien wara li saret taf li dawn kienu t-tfal tas-Sur Borg, ghal hekk wiehed hu l-minorenni u l-iehor il-half brother taghha.

Jigi precizat hawn hekk kif ser nsiru nafu iktar tard mill-istqarrija ta' Peter Borg, li Peter Borg kien precedentement mizzewweg u li Censina Borg hija t-tieni mara tieghu. Gew presentati diversi certifikati minn diversi tobba li nvistaw lil Censina Borg wara li din sofriet il-griehi allegatament minn zewgha. Ghal hekk Dr. John Grech rrilaxxja zewg certifikati medici, it-tnejn mmarkati bhala Dok. JGH a fol 38A u 38B tal-process, li t-tnejn jitkellmu fuq griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Min naha l-ohra Dr. Adrian Mark Agius li ra lil Censina Borg bejn iz-zewg visti li ghamlet ghand it-tabib precedenti, kkonferma c-certifikat minnu rilaxxjat fil-konfront ta' Censina Borg u mmarkat bhala Dok. AMA a fol 41A tal-process, min naha ta' Dr. Agius dan jikkontendi li Censina Borg sofriet griehi gravi per durata. Jitkellem fuq il-fatt li l-konkluzjoni tieghu kienet li mnieher Censina Borg sofra frattura ta' l-ghadam ta' l-imnieher u ghal daqshekk qal li din in-natura kienet wahda gravi per durata. Ix-xhud inkontro ezami, mistoqsi ghala wasal ghal din il-konkluzjoni xehed li la kellha ksur, il-frattura ta' l-imnieher taghlaq fi zmien hmistax u mhux iktar u ghal hekk kkonkluda li kienet per durata.

Dr. Ruth Vella Muscat, it-tabiba lil fl-emergenza ezaminat lil Censina Borg ukoll rrilaxxjat certifikat esebit a fol 69 tal-process mmarkat bhala Dok. RVM, din it-tabiba kkonkludiet li l-griehi sofruti minn Censina Borg kienu slight save for complications.

Xehed anke Dr. Mario Scerri li ghalkemm solitament hu espert forensiku mqabbad mill-Qorti, din id-darba gie visitat minn Censina Borg bhala tabib privat. Censina Borg marret ghand dan it-tabib fil-5 ta' Gunju, hamest ijiem wara dan l-incident. Bhal tobba ohra Dr. Scerri tkellem fuq il-grif u daqqiet li kellha f'wiccha Censina Borg

pero b'mod partikolari saret enfasi fuq il-frattura tan-nasal bone li Dr. Scerri qal hija kompatibbli ma daqqa qawwija. Dr. Scerri ddeskriva l-frattura tan-nasal bone bhala wahda ta' natura gravi.

In kontro ezami Dr. Mario Scerri gie mistoqsi kif kkonkluda li tali ferita kienet wahda gravi. Wiegeb Dr. Scerri li fl-opinjoni tieghu kienet gravi per durata u apparti dan zied ukoll li din il-konkluzjoni kien wasal ghaliha anke ghall-fatt li s-sinjura Borg kienet sofriet deviation tas-septum. Zied li bhala tabib hu seta jikkonkludi li min ikollu deviated septum seta jbati minn kundizzjonijiet bhal blockage kroniku fi mniehru, bi nfezzjonijiet etc. Pero' zied dan ix-xhieda li hu qatt ma raha wara u ghal hekk ma kienx f'posizzjoni jixhed jekk Censina Borg fil-fatt sofrietx dawn l-imsemmija kumplikazzjonijiet. Jigi rilevat ukoll li ghalkemm Dr. Scerri ma qabilx mal-punt li frattura fi mnieher taghqad biss fi zmien 15-il gurnata, baqa jsostni hafna li kien hemm il-possibilta li anke jekk din il-frattura taghlaq f'inqas minn 30 gurnata stipulati bil-ligi biex ferita tigi klassifikata gravi per durata, pero setghet thalli marka permanenti u sfiguranti u kumplikazzjonijiet naxxenti minn deviated septum. Fuq dan il-fatt ta' deviated septum, Dr. Mario Scerri zied jghid li bhala tabib estetikament, il-fatt li s-septum ikun deviated mhux accettabli u huwa xi haga li hija percetibbli "within talking distance", pero` kkonferma wkoll li in kwantu hu qatt ma rega ezamina lil Censina Borg wara ma jistax jghid jekk dan id-deviated septum baqax deviated jew le.

Xhud iehor fuq dan il-mertu din id-darba kien l-ispecjalista ta' l-ENT hu Dr. Grixti li kkonferma li Censina Borg sofriet frattura ta' mnehirha Spjega li ghalkemm generlament frattura ddum sitt gimghat biex tfieq, pero in kwantu l-imnieher mhux mobbli per ezempju bhal l-id, din il-frattura hija kunsidrata li tfieq fi zmien tlett gimghat. Dr. Anthony Grixti pero zied jghid li hu kien pjenament sodisfatt bir-rizultat ta' l-operazzjoni. Fil-fatti qal li mnieher Censina Borg wara l-operazzjoni kien dritt u l-frattura kienet fieqet. Ikkonferma li ghalkemm il-frattura fl-imnieher kienet wahda li tfieq qabel sitt gimghat, certament li biex Censina Borg tfieq sew din kellha tigi operata. Qal ukoll li ma kienx

jidhirlu li hi kellha xi marki. Tant li qal li wara l-operazzjoni jista jkun li Censina Borg tkun trid taghmel operazzjoni kosmetika, pero tali operazzjoni ma kinitx rizultat ta' l-injuries li sofriet (enfazi tal-Qorti).

Rat ukoll is-sentenza esebita mill-ispettur Louise Calleja fl-ismijiet Carmelo Micallef vs Peter Borg et datata 9 ta' Marzu 1998 quddiem il-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Consuelo Scerri Herrera. Rat ukoll fil-verbal tad-19 ta' Mejju 2002 l-avukat difensura kien esenta lill-ufficjal proskutur milli jtella prova ta' identita tas-sentenza.

Ikkunsidrat li kif gie espress l-artikoli mibghuta mill-avukat generali huma dawk, 214, 215, 218, 49 u 50 tal-Kap 9.

Illi mill-fatti kif espressi jirrizulta b'mod car li certament Peter Borg hebb, attakka u kkaguna ferita fuq il-persuna tal-mara tieghu Censina Borg.

Illi ghalhekk certament Peter Borg bla ma kellu l-hsieb li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car kkkaguna hsarat fil-gisem jew fis-sahha ta' Censina Borg u ghal hu hati ta' offiza fuq il-persuna taht l-artikolu 214. L-artikolu 215 jistabbilixxi jekk tali ferita jew offiza hux wahda gravi jew hafifa.

Issa l-Avukat Generali ghazel li jaddebita l-artikolu 218 fil-konfront ta' Peter Borg u cioe artikolu fejn l-offiza gravi hija kkunsidrata wahda iktar serja minn dik kkontemplata fl-artikolu 216 ta' l-istess kap. Tant li l-piena ta' prigunerija ghal reati taht l-artikolu 218 hija bil-ferm hafna iktar gholja minn dik mahsuba ghal reati taht l-artikolu 216.

L-artikolu 218(1) jikkontempla tlett istanzi fejn l-offiza hija gravi ai terminu ta' dak l-artikolu. Immedjatament il-Qorti teskludi, is-subininciz 1(c) in kwantu Censina Borg zgur ma kintix fi stat ta' gravidanza. Jekk kienet dan il-fatt qatt ma gie pruvat. Is-subinciz 1(a) ta' dan l-artikolu jitkellem fuq offiza gravi li jekk tikkaguna debolizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh. Halli l-Qorti timxi bl-invert.

Certament li l-offiza sofferta minn Censina Borg ma gabet ebda marda permanenti tal-mohh. Lanqas ma gabet difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem. L-unika punt li jibqa dibattut huwa jekk din l-offiza kkagunatx debbolizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni tal-parti tal-gisem. Importanti wkoll dak li jghid is-subinciz 2 ta' l-artikolu 218 f'dan ir-rigward u cioe li d-debbolizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem titqies hekk cioe titqies permanenti ukoll jekk x'aktarx tkun hekk.

Is-subinciz (b) ta' dan l-artikolu, l-artikolu 218 (1)(b) jitkkellem fuq sfregju gravi u permanenti fil-wicc. Anke hawn hemm applikabbli l-presunzjoni misjuba fis-subartikolu 2 tal-artiklu 218.

Il-Qorti hija rinfaccjata minn opinjonijiet u certifikati medici pjuttost kontrastanti fil-konfront tal-griehi sofferti minn Censina Borg. Pero huwa zgur li l-opinjoni predominanti tat-tobba kienet li Censina Borg ma sofriet ebda griehi ta' natura gravi almenu per durata. L-unika tabib li tista tghid li tkellem fuq griehi ta' natura per durata kkontraddixxa lilu nnifsu stess meta qal li din il-ferita li sofriet Censina Borg cioe l-fracture fi mnehirha kienet wahda li tfieq within 15 days. Terga' wkoll li t-tobba kollha li xhedu fuq dan il-punt qablu li fracture fl-imnieher tfieq iktar malajr minn fracture normali ghaliex ma tiehux il-mistennija sitt (6) gimghat li trid frattura ohra. L-unika difett permanenti li Censina Borg setghet sofriet mill-griehi inflitti mill-agent zewgha kienu dak li semma Dr. Mario Scerri u cioe dik tad-deviated septum. Pero` l-ispecjalista ENT Dr. Grixti Soler ma jsemmi xejn fuq id-deviated septum. Anzi jghid li l-frattura fieqet b'mod sodisfacenti ghalih u l-imnieher gie kif kien qabel. Tant hu hekk li meta jitkellem fuq surgery fil-futur jitkellem fuq costmetic surgery u jeskludi li din hija risultat ta' xi gerha li setghet sofriet Censina Borg mill-attakk fuqha minn zewgha. Niftakaru li dan hu l-ispecjalista ta' l-ENT li fil-fatt opera lil Censina Borg u kien hu li segwieha iktar mit-tlett tobba l-ohra li rawha precedentement. Jeskludi wkoll dan l-ispecjalista li Censina Borg setghet sofriet xi tip ta' sfregju permanenti fil-wicc billi jghid li ma kienx baqghalha jew ahjar ma ghandiex marki rizultat ta' dan l-attakk. Ghalhekk ix-

xhieda ta' dan it-tabib Grixti Soler teskludi dak ir-rekwizit li tghid il-ligi fl-artikolu 218(2) biex tigi stabbilita il-permanenza biex l-offiza ghal hekk tigi kkunsidrata bhala wahda gravi. U dan ghaliex ix-xhieda ta' l-ispecjalista ta' l-ENT teskludi r-rekwisit 'ukoll jekk x'aktarx ikun hekk' misjub fl-artikolu 218(2) biex wiehed jistabbilixxi l-permanenza, in kwantu l-ispjecjalista xehed li wara l-operazzjoni Censina Borg la sofriet debbolizza permanenti f'sahhitha u lanqas fil-funzjoni ta' xi parti minn gisimha, wisq inqas sfregju gravi u permanenti. Importanti wkoll li f'ezami ta' dak li ghandu jikkostitwixxi sfregju skond l-artikolu 218 wiehed jiftakar li is-subinciz (1)(b) jikkwalifika dan l-isfregju b'zewg aggettivi, gravi u permanenti.

Illi certament ghal hekk mix-xhieda tat-tobba il-Qorti ma tistax tapplika htija fil-konfront ta' Peter Borg taht l-artikolu 218 tal-Kap 9 in kwantu hu dan l-unika artikolu li gie rinvjat lilha, taht liema tista ssib htija. Ghaldaqstant qeghda tilliberah mill-istess. Certament pero ma tistax il-Qorti ma tghaddix is-segwenti kumment u tqis l-azzjoni maghmula minn Peter Borg ghax temmen fil-fatt hu hati talli kkaguna offiza fuq martu bhala wahda ghal kollox dispregevoli u l-fatt li hija kostretta tilliberah ai termini ta' l-artikoli 218 ma jfissirx li mhux hati ta' ghemiltu. Anzi zzid li l-ghemil ta' Peter Borg fil-konfront tal-mara tieghu u fil-konfront ta' kwalunkwe terz huwa xejn hlief ghemil ta' bullying li ma jixraqx lill-ebda persuna li qed tghix suppost f'socjeta civilizzata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------